MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 105/2006

**Defranco Enterprises Limited (C-5856)**

**vs**

**Norman Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-6 t'April tas-sena 2006, li permezz tieghu s-socjeta` attrici sejhet lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas is-somma ta' tlett elef u erba' mija u hamsin Lira Maltin, (LM3,450.00,0), li tirrapprezenta

bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-intimat;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata ai termini ta’ l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, liema ittra ggib in-numru 11572/05 datata 29 ta’ Novembru tas-sena 2005, u ta’ l-ittra bonarja datata 12 ta’ Ottubru tas-sena 2005, u bl-imghax kummercjali mis-27 ta’ Mejju tas-sena 2003, li hija l-ahhar data li fiha giet kkonsenjata merkanzija lill-intimat;

3. Illi l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat datata l-20 ta’ Gunju tas-sena 2006, li permezz taghha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talba tas-socjeta` attrici hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2148 (b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti mhux il-legittimu kontradittur ghat-talba tas-socjeta` attrici stante li l-bejgh ma sarx lilu izda lil terzi, ossia lil Kevin u Philip Zammit, (I.D. 305169M u 405346M) rispettivament;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ezaminat l-affidavitijiet prodotti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti tiddistribwixxi injam u prodotti ohra ta’ l-injam;

2. Illi f’Mejju tas-sena 2003, il-konvenut kien xtara merkanzija minghand is-socjeta` rikorrenti ammontanti ghall-prezz ta’ tlett elef, erba’ mija u hamsin Lira Maltin, u tlett centezmi, (LM3,450.03,), kif jirrizulta mill-fatturi li kopji taghhom huma esebiti in atti, (ara fol 20 u 21);

3. Illi l-intimat huwa mastrudaxxa u kien jixtri l-injam minghand is-socjeta` rikorrenti;

4. Illi l-prezz li bih is-socjeta` rikorrenti kienet tbiegh lill-intimat kien bid-dettall;

5. Illi l-intimat tant kien jixtri merkanzija minghand is-socjeta` attrici li kien anke jikkwalifika ghall-agevolazzjonijiet ohra;

6. Illi r-relazzjoni legali rigwardanti l-merkanzija in dizamina dejjem kienet bejn is-socjeta` rikorrenti u l-intimat personalment;

7. Illi sahansitra n-numru tal-V.A.T. indikat fil-fatturi hu dak ta’ l-intimat;

8. Illi biex ihallas l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti, l-intimat kien iggira tlett (3) “*cheques”* li kienu nhargu f’ismu minn certu Philip James Zammit, liema “*cheques”* pero`, ma gewx onorati;

9. Illi nonostante dan, l-istess intimat xorta pprova jserrah ras id-diretturi tas-socjeta` attrici u weghdhom li kien ser ihallashom f’kontanti fi zmien qasir;

10. Illi meta dana baqa` inadempjenti is-socjeta` rikorrenti kitbitlu ittra bonarja biex jissalda d-debitu tieghu izda, l-intimat xorta wahda ikkontatja lil xi membri tas-socjeta` rikorrenti u talabhom biex ma jipprocedux kontra tieghu fl-ewwel xhur ta’ l-2004;

11. Illi s-socjeta` rikorrenti xorta wahda baqghet tinsisti ghal hlas izda, nonostante li l-intimat kien persistenti fil-konferma tieghu li kien ser ihallas, xorta wahda baqa` inadempjenti;

12. Illi meta wara li kien ircieva ittra ufficcjali datata d-29 ta' Novembru tas-sena 2005, biex ihallas l-ammont dovut, informa lis-socjeta` rikorrenti li ma kienx ser ihallas, l-istess socjeta` kienet kostretta tipprocedi b'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni ta' l-intimat tista' tigi kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-intimat jahdem ta' mastrudaxxa, jaghmel l-ghamara;

2. Illi l-fornitura ta' l-injam li biha kien jahdem kien igibha minghand is-socjeta` rikorrenti, u dejjem kien hemm relazzjoni tajba bejniethom;

3. Illi l-intimat jallega li f'okkazzjoni minnhom kien ressaq lil certu Philip Zammit quddiem is-socjeta` rikorrenti u kkonsenjatlu kwantitajiet kbar t'injam;

4. Illi l-istess intimat ikompli jallega li dan Zammit ghall-ewwel kien ihallas b'mod regolari, izda l-ahhar tlett (3) cekkijiet ghamilhom fuq isem l-intimat u tahom lis-socjeta` rikorrenti, (ara fol 41);

Ikkunsidrat:

Illi skond l-imsemmi Zammit pero` jirrizulta s-segwenti:

1. Illi personalment hu qatt ma xtara merkanzija minghand is-socjeta` rikorrenti;

2. Illi l-intimat m'ghamilx xoghol lil dan Zammit;

3. Illi hu kien intermedjarju biex il-kwistjoni li kien hemm kienet tigi rizolta amikevolment;

4. Illi bhala parti minn dan il-ftehim kien hemm il-fatt li l-intimat kellu jirrikonoxxi d-dejn minnu dovut lis-socjeta` rikorrenti, (ara fol 56);

5. Illi Zammit isostni li l-ammont meritu tal-procedura odjerna hu dovut mit-tfal tieghu;

6. Illi c-cekkijiet ibbawnsjaw ghaliex ulied Zammit m'effettwawx id-depozitu rikjest;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta effettivament assodat is-segwenti:

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti hu lilha debitament dovut ghall-konsenja t'injam lill-intimat;

2. Illi l-intimat xtara din il-konsenja ghaliex kien gie mqabbad mill-klijenti tieghu, ulied l-imsemmi Zammit, biex jaghmlilhom ix-xogholijiet;

3. Illi dawn ta' l-ahhar, nonostante l-assikurazzjoni ta' missierhom, naqqsu li jhallsu lill-intimat, li minn naha tieghu naqas li jhallas lis-socjeta` rikorrenti:

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna hi limitata ghar-relazzjoni li talvolta setghet tezisti bejn is-socjeta` rikorrenti u l-intimat – terzi ohra huma estranei;

Illi in effetti jirrizulta li l-merkanzija de quo giet konsenjata lill-intimat f'Mejju tas-sena 2003;

Illi f'Novembru tas-sena 2005, is-socjeta` rikorrenti interpellat lill-intimat ufficjalment bil-vertenza in dizamina;

Illi kemm waqt it-trattattivi fuq riferiti, kif ukoll fil-mori ta' din il-procedura, l-intimat qatt m'afferma xi difiza fil-konfront tat-talba tas-socjeta` rikorrenti;

Illi bil-kuntrarju, l-intimat jirrikonoxxi d-dejn tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-intimat kif ibbazata fuq l-artikolu 2148 (b) ma tistax tregi, mhux biss ghaliex il-bejgh de quo kien bid-dettal u mhux bl-imnut, izda ghaliex dan l-ammont dovut kien effettivament rikonoxxut mill-istess intimat, u dan anke peress li l-intimat stess jikkonferma li l-fattura tal-kont lilu mibghut mis-socjeta` rikorrenti dejjem kien jircevieh ghalkemm ma kienx ihallas a bazi ta' l-istess fattura ;

Ghaldaqstant, din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjoni preliminari ta' l-intimat ghar-ragunijiet moghtija, u l-eccezzjonijiet l-ohra stante li mhux pruvati, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-intimat Norman Dimech ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u hamsin Lira Maltin, (LM3,450.00,0), ekwivalenti ghal tmint elef, sitta u tletin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€8,036.33) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-intimat;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mill-ittra ufficcjali datata d-29 ta' Novembru tas-sena 2005.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------